# RUMANZI

Fl-aħħar paġna letterarja ippreżentajtilkom novelli. Illum imiss rumanzi. Fir-rumanzi l-awtur ikolli aktar spazju fejn jiżvolġi l-istorja. Ċert li dawn il-kotba li għandna għalikom se jogħġbukom.



minn **OMAR SEGUNA**
pagnaletterarja@gmail.com

## Iz-ziju Manwel, ta' Joseph Debono; Pubblikazzjoni: Kite




Iz-Ziju Manwel huwa ktieb li jitratta suġġett tassew sensittiv b'mod tajjeb – qed ngħid is-saħħa mentali – b'mod li jiddaħħal ferm tajjeb fil-kuntest tal-istorja. Huma l-inġustizzji, l-kefrija tal-ħajja, t-tbatija fuq persuna u kif iċ-cirkostanzi wasslu sabiex din il-persuna tiddaħħal fi sptar mentali. Dejjem nieħu gost li nitkellmu dwar dan is-suġġett, għaliex is-saħħa mentali bħal kull qasam ieħor tas-saħħa hija mifruxa sew anke jekk għal xi wħud hija taboo. Niftiehmu ċ-ċirkostanzi nbidlu miż-żiju Manwel, imma l-istess fuq il-post tax-xogħol, u diffikultajiet oħrajn soċjali bosta drabi żdiedu u wkoll jistgħu jaffettwawna.

Fid-daħla ta' dan il-ktieb, Peppi Azzopardi jfakkarna x-xewqa ta' Joseph Debono li ma nixtrux dan il-ktieb għax beda jbati mill-marda kiefra tal-ALS. Dan huwa l-ewwel rumanz ta' Joseph Debono u nista' nifhem il-ħsieb tal-awtur, u allura ħa nżid oħra: Le mhux ser nixtru dan il-ktieb għax l-awtur kien wieħed popolari diġà speċjalment bl-interpretazzjoni tal- karattru popolari ta' James Bondin fil-programm Xarabank. Biss, l-esperjenza u snin twal fil-media, sawru lil dan l-awtur. U dan ċertament li jinħass fil-kitba tiegħu. Jiena sirt naf lil Joseph Debono b'mod personali meta beda kien janima attivitajiet dwar l-użu tajjeb tal-ilma sponsorjati mill-bank li fihom kien jaħdem huwa għal numru ta' snin. Hija din il-ħila li nkisbet matul is-snin li ssarraf fi ktieb tajjeb.

Din l-istorja, imsejsa fuq fatti li ġraw, hi l-istorja ta' Manwel Debono. Tibda filbidu tas-seklu għoxrin,meta ltaqgħu ommu u missieru, tkompli bi tfulitu fil-gwerra, il-Belt, iż-żgħożija u l-imħabba lejn il-flamenco u l-poeżija, imbagħad fit-Tarzna u l-irvellijiet tal-1958. Minn hemm ħajtu tieħu xejra kiefra li twassal sal-bidu tas-snin elfejn. Xejra kiefra ħafna li ħlietlu ħajtu, mhux ħtija tiegħu…

L-aktar elementi li laqtuni f'dan il-ktieb huma dawn:

■ Debono jaf ipengi karattri tal-klassi tal-ħaddiema jew tas-sotto-proletarjat. Fil-fatt din l-istorja hija msejsa fuq fatti li ġraw, hi l-istorja ta' Manwel Debono, żagħżugħ kwiet minn familja sempliċi mill-Belt. Tibda fil-bidu tas-seklu għoxrin meta iltaqgħu ommu u missieru In-Naxxar, u tkompli bi tfulitu il-Belt in-naħa ta' San Duminku, fi żmien il-gwerra, bit-tifrik u l-imwiet li ġġib magħha. Fuq kollox hija l-istorja ta' familja tal-ħaddiema fis-seklu 20. Biex ngħid hekk tagħti idea tan-nies komuni u ckejknin li bl-għaqal, il-hidma, l-umilta u l-perseveranza taghhom bnew pajjiz mix-xejn

■ Ir-rakkont jagħġen deskrizzjonijiet tajba, ħsejjes flimkien mat-taħdit. Jagħmilha faċli għal qarrej li jistħajjel dak li qed jaqra u jidħol fl-istorja. Waqt li qed taqra bħal tisma' l-ħsejjes tal-kitarra, tisma' l-għajjat tan-nies u tattfal jiġġerrew fit-toroq. Din hija l-esperjenza li rawwem dan l-awtur fis-snin li dam jaħdem fil-qasam tax-xandir. Fiż-żgħożija jiżviluppa karattru differenti mit-tlett ħutu l-oħra; idoqq il-kitarra ma sħabu, jiskopri l-imħabba lejn il-flamenco u lejn l-ilsien Spanjol, u jinġibed lejn il-poeżija ta' Federico Garcia Lorca. Imbagħad l-esperjenza tiegħu fit-tarzna, li twassal sa l-irvellijiet ta April 1958 (p.57).

■ Ma' dak li għidt qabel insemmi wkoll lingwaġġ komuni bħal "talkies" (p.26) u termini oħra adottati mill-Maltin. Dan ikompli jsebbaħ lil dan il-ktieb għaliex jippreżentalna ritratt talħajja fil-bidu tas-seklu għoxrin u wara. Niftakru li l-istorja ma narawhiex dokumentata biss fir-riċerka imma anke fi stejjer fittizji; ma ninsewx lil Charles Dickens, Fyodor Dostoevsky u Tolstoy biex nagħti ftit eżempji klassiċi, jew fil-każ tagħna Ġuże' Ellul Mercer u Kilin.

■ Kif spjegajt fl-introduzzjoni, f'dan il-ktieb naraw kif iċ-ċirkostanzi jbidlu l-pjani u l-ħajja li nkunu qed ngħixu. Kultant bħal sajjetta fil-bnazzi li taħsadna u filli nkunu bħal f'baħar kalm u f'daqqa waħda jitqawwa l-mewġ u nispiċċaw f'maltempata. Il-ħajja taz-Ziju Manwel ukoll tieħu xejra kiefra, traġika, li twassal sal-bidu tas-snin elfejn. Xejra kiefra ħafna li ħlietlu ħajtu, mhux ħtija tiegħu. Speċjalment l-irvellijiet tal-57 affettwatlu s-saħħa mentali tieghu u kissritu għal ħafna snin. L-istorja tixhed id-dgħjufija tal-bniedem, li minkejja kollox quddiem l-ostakli jaf nitfarrku jekk ma nkunux b'saħħitna biżżejjed. Din l-istorja tieħu xeħta soċjo-psikoloġika, fejn għandek anke l-element tal-faqar, l-injoranza li aktar żammew il-persuna l-isfel

Dan il-ktieb mitkub b'mod mexxej ħafna, taqrah fi ftit ħin bi ġrajja mqanqla mhux ftit. Fid-deher huwa bħal kronaka ta' familja tal-ħaddiema tas-seklu l-ieħor. Imma aktar fil-fond għandna l-aspett psikoloġiku ta' persuna li ħassrulu ħajtu intortament. U fil-mument ta' kriżi ma ssibx għajnuna. Liz-Ziju Manwel kienu jżebilħuh it-tfal fost oħrajn. Bil-Malti ngħidu l-ħmar il-magħkus idur għalih id-dubbien. Iz-Ziju Manwel għaldaqstant huwa aktar punt ta' referenza, joffri sfont għal diskussjoni. Għaliex wara kollox, min kien z-Ziju Manwel? Kien il-bniedem-ħaddiem tas-seklu 20. Kien Malti, bħal ħafna Maltin.

Dan huwa ktieb dwar Maltin bħalna. Fuq kollox huwa dwar ċirkostanzi li jbidlulna ħajjitna. Dan il-ktieb jinkiseb mill-ħwienet ewlenin jew minn https://www.kite-group.com.mt/.